

ECHA/NA/12/15

Gwida Aġġornata għal monomeri u polimeri

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ippubblikat aġġornament għall-Gwida għal monomeri u polimeri wara l-konklużjoni tal-proċess ta' konsultazzjoni

Helsinki, 27 ta' April 2012 – Il-Gwida tal-ECHA għal monomeri u polimeri ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-2008. Wara s-Sentenza C-558/07 tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja nħolqot ħtieġa għal aġġornament. Dan iċċara li l-kunċett ta' sustanzi monomeriċi jirreferi kemm għal monomeri soġġetti għal reazzjoni kif ukoll għal dawk mhux soġġetti għal reazzjoni (REACH Artikolu 6(1) u 6(3)). Dan għandu potenzjalment impatt dirett fuq l-obbligi ta' reġistrazzjoni kif imniżżla preċedentement fil-Gwida.

Għaldaqstant, l-ECHA ħejjiet abbozz ta' emenda tad-dokument ta' gwida li sar b'konsultazzjoni mal-Awtoritajiet Kompetenti għal REACH u CLP (CARACAL). Il-verżjoni finali 2.0 kkunsidrat ir-rispons riċevut.

Ġew iċċarati kunċetti rilevanti f'taqsimiet speċifiċi tad-dokument. B'mod partikolari, żdiedet referenza addizzjonali għall-Artikolu 6(1) ta' REACH biex tkopri l-obbligi ta' reġistrazzjoni għal monomeri mhux soġġetti għal reazzjoni u sustanzi oħra f'polimeru. Il-Gwida ġiet allinjata wkoll bl-interpretazzjoni ġdida maqbula dwar polimeri naturali diġà mniżżla fil-Mistoqsijiet Magħmula Spiss tal-ECHA dwar REACH. Saru wkoll bidliet żgħar oħra u korrezzjonijiet editorjali.

Aktar informazzjoni

Gwida għal monomeri u polimeri:

<http://echa.europa.eu/web/guest/guidance-documents/guidance-on-reach>.

Proċedura ta' Konsultazzjoni dwar Gwida:

http://echa.europa.eu/documents/10162/13559/mb_14_2011_consultation_procedure_guidance_en.pdf

Sentenza C-558/07 tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tas-7 ta' Lulju 2009:

<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:62007CJ0558:EN:HTML>

Ir-Regolament REACH:

<http://echa.europa.eu/web/guest/regulations/reach/legislation>

Taqsimi ta' appoġġ tas-sit elettroniku tal-ECHA:

<http://echa.europa.eu/web/guest/support>